**IEQAF u AĦSEB**

**Biex tagħraf … il-Valur taż-Żmien**

Biex tagħraf … il-valur ta' Għaxar Snin
Ġib quddiem għajnejk lil xi ħadd li għaddej minn kawża ta' separazzjoni.

Biex tagħraf … il-valur ta' Erba' Snin
Ġib quddiem għajnejk lil xi ħadd li ggradwa.

Biex tagħraf … il-valur ta' Sena
Ġib quddiem għajnejk lil xi student li weħel minn eżami finali.

Biex tagħraf … il-valur ta' Disa' Xhur
Ġib quddiem għajnejk lil xi omm li għadha kif welldet.

Biex tagħraf … il-valur ta' Xahar
Ġib quddiem għajnejk lil xi omm li welldet qabel iż-żmien.

Biex tagħraf … il-valur ta' Ġimgħa
Ġib quddiem għajnejk lil xi editur ta' gazzetta.

Biex tagħraf … il-valur ta' Minuta
Ġib quddiem għajnejk lil xi ħadd li tilef tal-linja, il-vapur, jew l-ajruplan.

Biex tagħraf … il-valur ta' Sekonda
Ġib quddiem għajnejk lil xi ħadd li kellu inċident u baqa' jgħix.

***IL-ĦIN MA JISTENNA LIL ĦADD:***

***GĦOŻŻ KULL MUMENT LI GĦANDEK***

U biex tagħraf … il-valur ta' Oħtok jew ta' Ħuk
Ġib quddiem għajnejk lil xi ħadd li m'għandux.

U biex tagħraf … il-valur ta' Ħabib jew xi ħadd tal-Familja
Ġib quddiem għajnejk lil xi ħadd li tilef lil xi ħadd minnhom.

***IL-ĦIN TGĦOŻŻU AKTAR***
***META TAGĦRAF TAQSMU***
***MA' DAWK TA' MADWAREK.***

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IPPROVDI KENN GĦAL MIN M'GĦANDUX DAR

**Realtà li qed tispikka fid-dinja**

Mhux l-ewwel darba li għedna jew, ta' lanqas ħsibna, li f'pajjiżna ma jeżistux nies li m'għandhomx saqaf fuq rashom: konvinti li hi realtà li teżisti f'pajjiżi oħra, imma mhux għandna, f'Malta. Konna, u wħud minna għadhom jaħsbu li teżisti biss fil-pajjiżi foqra Afrikani, jew fl-ibliet il-kbar tal-Ewropa, tal-Amerika, jew tal-Asja, fejn ikun hemm min jispiċċa vittma ta' xi vizzju jew jitkeċċa mix-xogħol u għalhekk ma jistax jiffinanzja aktar il-kera ta' xi appartament, eċċ. Mhux hekk naraw b'għajnejna stess, aħna li għamilna diversi esperjenzi ta' safar? Mhux hekk naraw u nisimgħu fit-televiżjoni fid-diversi programmi ta' diskussjoni u ta' aħbarijiet? Mhux hekk stajna nsegwu b'mod qawwi lil diversi persuni li qed jaħarbu mill-gwerra u l-persekuzzjoni ta' diversi pajjiżi, speċjalment tas-Sirja, ħalli jfittxu li jibnu ħajja ġdida għalihom u għall-familji fil-pajjiżi tal-Ewropa, speċjalment fin-naħa ta' fuq? Naħseb qatt daqs dawn l-aħħar xhur li wieħed jitlob li jingħata kenn, u li wieħed joffri kenn, ma ngħata daqshekk importanza u kien tant taħt il-lenti tal-għarfien u fuq l-imwejjed tad-diskussjoni.

**Realtà li teżisti f'pajjiżna wkoll**

Imma ta' min nagħrfu u nikkonvinċu ruħna li anke f'pajjiżna, minkejja li mhux fuq skala kbira u tant evidenti, xorta jeżistu nies li sfortunatament qed ibatu biex ikollhom saqaf fuq rashom jew aħjar dar li fiha jsibu l-wens, il-mistrieħ u l-inkuraġġiment biex ikomplu jimxu 'l quddiem. Quddiemi jitfaċċaw t-tfal li jiġu abbandunati fit-twelid, hi x'inhi r-raġuni, u li tal-anqas bdew isibu kenn f'xi istituzzjoni tad-djar tat-tfal. Quddiemi jiġu wkoll l-uċuħ ta' diversi persuni morda jew anzjani li għalkemm b'saqaf fuq rashom, jista' jkun li qed jirriskjaw ħajjithom, għax manutenzjoni ta' darhom ilha ma ssir żmien. Niftakar f'dawk li jkollhom jitilqu mid-dar minħabba vjolenza, li jekk m'għandhomx xi familjari jew xi ħbieb, forsi jsibu xi istituzzjoni li tospitihom għal xi perjodu, jew inkella jispiċċaw jorqdu barra f'xi karozza b'ta' fuqhom senduqhom. Nistħajjel nilmaħ ukoll l-uċuħ ta' nies li tilfu d-dar minħabba xi diżgrazzja. Hemm dawk li qed jistennew sentenza mill-qorti bir-riskju li jiġu mitfugħa l-ħabs u li wara li joħorġu ma jafux fejn jistgħu jagħtu rashom għax ikunu tilfu kull dritt ta' kera tad-dar li kienu jgħixu fiha, kif ukoll tax-xogħol. Insemmi wkoll id-diversi immigranti li għal xi raġuni jew oħra qegħdin isibu kenn f'pajjiżna u li xi drabi nitħassruhom, xi drabi nisfruttawhom, u xi drabi ma naqblux li nilqgħuhom. Veru li f'pajjiżna għandna diversi għajnuniet mill-Knisja u mill-Istat, imma ejjew nammettu wkoll li mhux kull għajnuna jirnexxiela tasal f'ħinha u f'waqtha. Bħala ċittadini, u wisq aktar bħala nsara, ma nistgħux nagħlqu għajnejna jew inserrħu

*ikompli f'paġna 2*

rasna li hemm għaqda jew xi ħadd li jieħu ħsieb. Fil-verità aħna wkoll, minkejja l-limitazzjonijiet tagħna, nistgħu ngħinu bil-kbir biex nersqu lejn appoġġ xieraq u soluzzjonijiet dinjitużi.

**Realtà li mill-ewwel tispikka fil-Ħajja ta' Kristu**

Nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru, 2015, Papa Franġisku żar iċ-Ċentru tal-Karità tal-Parroċċa ta' San Patrizju ġewwa Washington, D.C., fl-Istati Uniti tal-Amerika. U hemmhekk, waqt laqgħa li kellu man-nies bla dar, il-Papa stqarr bla tlaqliq li Ġesù, *"l-Iben t'Alla daħal fid-dinja bħala bniedem "homeless" ... sar jaf xi jfisser tibda' l-ħajja mingħajr saqaf."* Kif għadna kemm ftakarna ftit tal-jiem ilu, il-Bibbja tgħidilna: *"Meta kienu f'Betlehem, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles. Welldet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u qegħditu f'maxtura għax għalihom ma' kienx hemm post fil-lukanda"* (Lq 2, 6-7). ... *"Ġesù mhux biss ried ikun solidali ma' kull persuna, mhux biss ma ried li ħadd iħoss jew jgħix in-nuqqas tal-kumpanija tiegħU, tal-għajnuna tiegħU, ta' mħabbtU. Hu nnifsu identifika ruħu ma' dawk kollha li jbatu, li jibku, li jsofru xi għamla ta' inġustizzja."* U l-Papa jkompli: *"Irrid inkun ċar: m'hemm ebda raġuni, ebda ġustifikazzjoni soċjali, morali jew ta' ġeneru ieħor biex naċċettaw li ma jkollniex fejn noqgħodu. Huma sitwazzjonijiet inġusti, imma nafu li Alla qed jaffaċjahom flimkien magħna, qed jgħixhom spalla ma' spalla magħna. Ma jħalliniex waħedna."* Għaldaqstant *"quddiem sitwazzjonijiet inġusti, li jweġġgħu, il-fidi toffrilna dak id-dawl li jħoll id-dlam; ... il-fidi tiftaħna għall-preżenza silenzjuża ta' Alla f'kull ħajja, f'kull persuna, f'kull sitwazzjoni."* F'dan id-dawl nistgħu nagħrfu li fl-għeruq tal-Vanġelu tal-ħniena, il-laqgħa u l-merħba lill-barrani jingħaqdu mal-laqgħa u l-merħba lil Alla: li tilqa' lill-ieħor ifisser li tilqa' lil Alla nnifsu!

**Fil-prattika għal dan ix-xahar**

Tajjeb għalhekk li ma niqfux biss fuq dak li jidhrilna u dak li għalina hija raġuni, li fl-aħħar mill-aħħar tispiċċa skuża, biex ninjoraw din l-opra tal-ħniena. Għaldaqstant:

- Ta' min infittxu li nsumu minn kull preġudizzju li jista' jkollna kontra nies li jispiċċaw iduqu din l-esperjenza anke f'pajjiżna;
- Ta' min naħsbu, nitolbu u nfittxu li ngħinu lil dawk li qed jgħixu f'xi dar immexxija minn istituzzjoni, imma li finalment ikollna nammettu li mhijiex il-post naturali fejn għandhom jirċievu l-imħabba u l-wens;
- Ta' min nindunaw, nuru empatija u ngħinu lill-persuni li nafu biċ-ċar li qed jgħixu f'tined, *containers* jew djar medjokri neqsin mis-servizzi neċessarji;
- Ta' min nikkundannaw kull forma ta' sfruttament ta' dawn il-persuni f'dik li hi kera u xogħol;
- Ta' min naraw li djarna u l-ambjenti familjari tagħna jkunu spazji ta' wens, għożża, u mħabba, waqt li jkunu wkoll postijiet ta' ospitalità.

B'dan l-impenn, hekk kif jgħidilna San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Efesin, ma nibqgħux *"aktar barranin u frustieri, imma ċittadini flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien tal-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka."* (Efes. 2, 19-20). Hu b'dan il-mod li fl-Ispirtu, ninbnew aktar flimkien f'dar fejn jgħammar Alla.

***Dun David Farrugia***
Kappillan Ħal Safi





# Id-Djarju tal-Parroċċa – Jannar 2016

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 1 ta' Jannar | **Bidu ta' Sena Ġdida - Solennità ta' Marija Omm Alla**<br>Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd. |
| Il-Ħadd 3 ta' Jannar | **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**<br>Fis-7:00pm - Mument ta' Talb u Ħin għall-Helpers biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.<br>(Din l-attività ser tkun fil-Museum tas-Subien). |
| Il-Ġimgħa 8 ta' Jannar | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| It-Tnejn 18 ta' Jannar | Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara. |
| Il-Ġimgħa 22 ta' Jannar | **Pellegrinaġġ għall-Katidral tal-Imdina fis-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tal-Ħniena**<br>Fil-5:20pm - Nitilqu lejn il-Katidral<br>Fis-6:15pm - Ċelebrazzjoni fil-Bieb tal-Ħniena.<br>Fis-6:30pm - Niċċelebraw il-Quddiesa.<br>Inkunu lura għall-ħabta tat-8:00pm. |
| It-Tnejn 25 ta' Jannar | **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl Aoppostlu**<br>Fil-5:30pm - Rużarju<br>Fis-6:00pm - Quddiesa solenni li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.<br>F'din iċ-ċelebrazzjoni jieħu sehem il-Kor '*Sine Macula*', taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Pace. |
| Il-Ħamis 28 ta' Jannar | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 31 ta' Jannar | **Solennità tan-Nawfraġju f'pajjiżna ta' San Pawl Appostlu**<br>*Ser niċċelebrawh illum minħabba li l-10 ta' Frar hu Ras ir-Randan.* |